# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 62/2023/09

**Data tal-laqgħa:** 26 ta' Lulju, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Hal Kirkop fil-17:00hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

62.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 61

62.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 61 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

62.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba għal-laqgħa mill-Kirkop United FC sabiex jiġi diskuss il-proġett li ser iwettqu biswit l-*open gym* fi Triq Ġnien Rousset.

62.3.1.1 Is-Sindku Terence Agius wera s-*site plan* li turi l-impatt li dan il-proġett ser ikollu fuq l-*open gym*, liema impatt kien ġie diskuss mal-Kirkop United FC żmien ilu.

62.3.1.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill jitlob il-pjanti proposti biex ikun jista' jara eżatt x'ser isir u liema parti tal-*open gym* ser tiġi affettwata.

62.3.1.3 Malli l-Kunsill ikollu l-pjanti ikun jista' jagħti data għal-laqgħa mal-Kirkop United FC biex din il-materja tiġi diskussa aktar fid-dettal.

62.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand Dental Hygiene Service fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa fejn urew ix-xewqa li jagħmlu taħdidiet fil-komunità dwar kif wieħed għandu jieħu ħsieb snienu sewwa.

62.3.2.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jagħmlu talba biex apparti taħdidiet jiġi wkoll il-Mobile Dental Clinic fil-lokalità biex isiru *check-ups* lir-residenti.

62.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu flimkien mal-Viċi Sindku kienu ltaqgħu ma' rappreżentanti tal-Malta International Airshow 2023 li ser isir fit-23 u fl-24 ta' Settembru, 2023.

62.3.3.1 Is-Sindku spjega li l-wirja statika ser tkun fis-Safi Aviation Park u fl-SR Technics Apron. Il-Kunsill tagħna ser ikun affettwat fin-naħa tas-Safi Aviation Park u infatti din il-laqgħa saret biex ġew diskussi l-aħjar arranġamenti tat-traffiku biex ma jinħoloqx inkonvenjent għar-residenti.

62.3.3.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu mal-pjan dwar *traffic management* hekk kif propost.

62.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, mgħoddija lilhom minn Transport Malta dwar il-European Mobility Week.

62.3.4.1 Is-Sindku spjega li din is-sena, it-tema tal-European Mobility Week se tkun 'Save Energy' u hemm diversi kompetizzjonijiet fosthom is-'Small Events and Activities Competition' u l-'Permanent Measures Competition'. L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar il-Ħamis, 31 ta' Awwissu 2023.

62.3.4.2 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv kienet attendiet ukoll għas-sessjoni ta' informazzjoni li kienet saret minn Transport Malta.

62.3.4.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li għal din is-sena ma jieħdux sehem f'din il-kompetizzjoni.

62.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn PAP Plus Malta rigward għaqda bl-isem ta' Doninu li qed tiġi ffurmata biex tgħin lin-nies fil-bżonn.

62.3.5.1 Is-Sindku kompla jispjega li huma kienu qed jitolbu li din l-għaqda tkun taħt il-patroċinju tal-Kunsill.

62.3.5.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li ma jidħlux parteċipi f'din l-għaqda.

62.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand Leon Promotions rigward attivitajiet tal-Milied.

62.3.6.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jżommu din l-informazzjoni *on hold* biex jekk ikun hemm xi skema ta' fondi għall-Milied il-Kunsill ikun jista' juża dawn is-servizzi.

62.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-iStreet Naming Committee fi ħdan l-Uffiċċju Elettorali rigward it-tismija ta' żewġ sqaqien li fl-antik kienu jagħmlu Sqaq Tal-Isqof.

62.3.7.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li dawn iż-żewġ sqaqien jissemmew Sqaq Tal-Isqof Nru. 1 u Sqaq Tal-Isqof Nru. 2.

62.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza li r-Reġjun Punent bagħat lill-Cleansing & Maintenance Department rigward skart mormi illegali f'diversi żoni f'Ħal Kirkop.

62.3.8.1 Is-Sindku qal li ġie mitlub jagħti l-lista tal-postijiet fejn qed ikun hemm dan ir-rimi llegali biex tittieħed direzzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

62.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li r-Reġjun Punent kien ser jagħti bandiera tar-Reġjun Punent biex titpoġġa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Hu qal li r-Reġjun kien ser iħallas ukoll għall-arblu li jinxtara mill-Kunsill biex ikun pariġġ l-arbli eżistenti.

62.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jinxtara arblu bħal dawk eżistenti. Jekk il-Kunsill ma jsibx pariġġ, il-Kunsill ser jitlob li jinxtraw ħames arbli kollha l-istess u jitħallsu mir-Reġjun.

62.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand il-GAL Xlokk fejn intalab jikkonferma li Kunsill qed jaqbel li jħallas il-miżata għall-Programm Operattiv LEADER 2023-2027. Apparti hekk il-GAL Xlokk kienu talbu wkoll biex il-Kunsill jinnomina massimu ta' żewġ membri li ser ikunu qed jirrappreżentaw lill-Kunsill fil-Fondazzjoni GAL Xlokk.

62.3.10.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li ż-żewġ membri jkunu s-Sindku Terence Agius u l-Kunsilliera Ritienne Caruana.

62.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien qed jara xi apparat għall-bandli biex issir il-manutenzjoni meħtieġa fil-Bandli tal-Kommunità.

62.3.11.1 Il-Kunsilliera preżenti raw l-idejat u qablu li jinġiebu aktar kwotazzjonijiet u jerġgħu jiddiskutu.

62.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mill-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru rigward ilment ta' resident minn Misraħ iż-Żerniq li kellu problemi ta' ilma tad-drenaġġ li daħallu fil-ġiebja tiegħu.

62.3.12.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill jinforma lill-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru li t-triq kienet saret minn Transport Malta u mhux mill-Kunsill.

62.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva il-BOQ tas-sistema tal-elettriku u l-irigazzjoni tal-Ġnien f'Misraħ iż-Żerniq.

62.3.13.1 Is-Sindku qal li peress li din kienet għada kif waslet ser ikun qed jaraha fid-dettal u jitkellem dwarha fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

62.3.13.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew il-problemi li hemm fi Pjazza Żerniq u x'jista' jsir biex din tiġi rranġata.

## 62.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

62.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri talab biex il-Kunsill jiċċekkja jekk il-ġiebja tal-ġnien fi Pjazza Żerniq kienx fiha ilma.

62.4.1.1 Is-Sindku qal li l-ħaddiem tal-Kunsill ser jara jekk fihiex ilma u kemm hi fonda. Jekk fiha l-ilma għandu jiċċekkja kemm fadal u jerġa' jiċċekkja wara ftit biex naraw li ma naqasx. Irid jintefa' aktar ilma biex inkunu ċerti jekk hux maqsuma u jekk iva naraw l-iżvilupp li sar mad-dawra.

62.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm bżonn ronda biex tiġi kkontrollata l-problema tal-ħmieġ tal-klieb, speċjalment fi Triq Danny Cremona fl-*area* tan-niċċa tal-Madonna.

62.4.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizija tal-kommunità biex jagħmel aktar ronda f'din it-triq.

62.4.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

62.4.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li kien hemm bżonn li tiġi ċċekjata *site* li qed tinbena fi Triq San Nikola, wara diversi lmenti riċevuti.

62.4.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill għandu jinforma lill-Building & Construction Agency biex jagħmlu spezzjoni fuq dan is-sit.

## 62.5 Rapport tal-Ilmenti

62.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward metru double yellow line mal-bieb tal-garaxx fi Triq San Nikola.

Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li dan id-double yellow line għandu jsir.

62.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 62.6 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-Sena 2022

62.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2023. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq it-Tieni Kwart b'sitwazzjoni finanzjarja stabbli.

62.6.2 Għaldaqstant, il-Kunsilllier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2023 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 62.7 Vakanza għall-Skrivan/a fi Skala 15

62.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-applikazzjonijiet għall-Vakanza għall-Skrivan/a fi Skala 15, it-tieni parti, kienu għalqu u l-Kunsill kien irċieva żewġ applikazzjonijiet.

62.7.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien bagħat għal dawn il-kandidati u saru l-intervisti. Is-Sindku qal ukoll li l-Bord tal-Għażla kien ħejja r-rapport tiegħu, liema rapport kien qed jitpoġġa fuq il-mejda għall-attenzjoni tal-Kunsill.

62.7.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan ir-rapport u qablu li l-applikanta numru A tingħażel biex timla' dan il-post vakanti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

62.7.4 Għaldaqstant, il-Kunsilliera Ritienne Caruana ressqet mozzjoni biex l-applikanta numru A tingħażel biex timla' il-post ta' Skrivan/a, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 62.8 Proġett tal-*Observation Area* fi Triq l-Industrija

62.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li sakemm dħalna għal-laqgħa kien għadu qed jistenna risposti u aktar informazzjoni minn entità.

62.8.2 Is-Sindku qal li ser jerġa' jagħmel tfakkira u jispera li jkollu aktar informazzjoni sal-laqgħa li jmiss.

## 62.9 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

62.9.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-evalwazzjoni dwar is-Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq kienet għada għaddejja.

62.9.2 Is-Sindku Terence Agius qal li l-ftehim li kien sar mal-kuntrattur tal-knis preżenti kien ser jiskadi fl-aħħar ta' Lulju u minħabba li t-tender mhux ser jilħaq ikun aġġudikat kien hemm bżonn li dan il-ftehim jiġġedded għal xahar ieħor, jiġifieri sal-aħħar ta' Awwissu 2023.

62.9.3 Il-Kunsilliera qalu li f'din is-sitwazzjoni ma tantx kien hemm x'wieħed seta' jagħmel u huwa importanti li dan il-ftehim jiġġedded biex Ħal Kirkop ma jispiċċax mingħajr kennies. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 62.10 Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

62.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti kienet saret l-evalwazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku.

62.10.2 Is-Sindku qal li l-orħos offerta li kienet konformi mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba kienet dik tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku.

62.10.3 Is-Sindku Terence Agius qal li ż-żmien tal-appell kien għalaq u l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda appell.

62.10.4 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex jiġi ffirmat il-kuntratt tal-offerta dwar Tabelli u Sinjali tat-Traffiku mal-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 62.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

62.11.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 139 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

62.11.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 139 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 62.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

62.12.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

62.12.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 31 ta' Awwissu, 2023 fl-16:30hrs.

62.12.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19:45hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 31 ta' Awwissu, 2023

**Mozzjoni Ref:** 319/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 61.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 26 ta' Lulju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 320/23/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2023 jiġu approvati.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Ritienne Caruana

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 26 ta' Lulju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 321/23/9

**Mozzjoni:**

Biex l-applikanta numru A tingħażel biex timla' il-post ta' Skrivan/a.

**Proponent**
Ritienne Caruana

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 26 ta' Lulju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 322/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi ffirmat il-kuntratt tal-offerta dwar Tabelli u Sinjali tat-Traffiku mal-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku.

| ____________________ | ____________________ |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 26 ta' Lulju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 323/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 139.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 26 ta' Lulju, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**